C/2024/1750

1.3.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Frar 2024

li tapprova, f'isem l-Unjoni Ewropea, l-emenda tal-Annessi I, III(a), III(b) u VI tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-kummerċ fl-inbejjed u x-xorb spirituż

(C/2024/1750)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/91/KE tat-30 ta' Lulju 2003 dwar il-konklużjoni ta' ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar kummerċ fl-inbejjed u l-ispirti ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tagħha,

Billi:

(1) Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-kummerċ fl-inbejjed u l-ispirti ([2]) ("il-Ftehim") ġie emendat mill-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (Comprehensive Economic and Trade Agreement, CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra ([3]), li japplika b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017.

(2) Il-Kumitat Konġunt stabbilit bl-Artikolu 27(1) tal-Ftehim ("il-Kumitat Konġunt") huwa responsabbli biex iżomm kuntatt bejn il-partijiet dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-implimentazzjoni u mal-funzjonament tal-Ftehim.

(3) L-Anness I tal-Ftehim jelenka l-prattiki enoloġiċi li huma awtorizzati minn kull Parti. L-Unjoni nnotifikat lill-Kanada prattiki enoloġiċi awtorizzati ġodda, li jenħtieġ li jiżdiedu ma' dak l-Anness.

(4) L-Anness III(a) tal-Ftehim jelenka indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed li joriġinaw fl-Unjoni li huma eliġibbli għar-reġistrazzjoni bħala indikazzjonijiet ġeografiċi protetti fil-Kanada. L-Unjoni talbet li f'dak l-Anness jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-Kanada lestiet ir-rieżami ta' 22 mit-termini ppreżentati mill-Unjoni.

(5) L-Anness III(b) tal-Ftehim jelenka indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbejjed li joriġinaw fil-Kanada li huma eliġibbli għal protezzjoni fl-Unjoni. Il-Kanada talbet li f'dak l-Anness jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi. Il-Kummissjoni eżaminat 15 minn dawk l-indikazzjonijiet ġeografiċi.

(6) Il-Kanada ressqet talba biex tiġi aġġornata l-lista ta' korpi kompetenti fl-Anness VI tal-Ftehim.

(7) Skont l-Artikolu 27(3) tal-Ftehim kif emendat bis-CETA, il-Kumitat Konġunt għandu s-setgħa li jadotta emendi għall-annessi tal-Ftehim.

(8) Għalhekk, jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni li trid tittieħed fil-Kumitat Konġunt.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

([1]) ĠU L 35, 6.2.2004, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2004/91(1)/oj.
([2]) ĠU L 35, 6.2.2004, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/91/oj.
([3]) ĠU L 11, 14.1.2017, p. 23, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2017/37/oj.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-emendi għall-Annessi I, III(a), III(b) u VI tal-Ftehim, stabbiliti fl-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim emendatorju, fil-forma ta' abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt, huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Ir-rappreżentant tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt huwa awtorizzat li japprova l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Wara li tiġi adottata, id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2024.

Għall-Kummissjoni
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Abbozz ta' DEĊIŻJONI Nru.../2024 tal-KUMITAT KONĠUNT stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u x-Xorb Spirituż

ta' … 2024

li temenda l-Annessi I, III(a), III(b), IV(a) u VI tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u x-Xorb Spirituż

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-*Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Kanada dwar il-Kummerċ fl-Inbejjed u x-Xorb Spirituż*, magħmul f'Niagara-on-the-Lake fis-16 ta' Settembru 2003 ("il-Ftehim"), kif emendat mill-*Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (Comprehensive Economic and Trade Agreement, CETA) bejn il-Kanada, minn naħa waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra*, magħmul fi Brussell fit-30 ta' Ottubru 2016 (applikat b'mod proviżorju mill-21 ta' Settembru 2017) u b'mod partikolari l-Artikolu 27(3) tal-Ftehim,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim jelenka l-prattiki enoloġiċi awtorizzati għal inbejjed li joriġinaw fil-Kanada u fl-Unjoni Ewropea, rispettivament. L-Unjoni Ewropea nnotifikat 17-il prattika enoloġika awtorizzata ġdida skont l-Artikolu 6(3) tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 9(1) tal-Ftehim, dawk il-prattiki jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness I.

(2) Skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea ressqet talba lill-Kanada biex jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi mal-Anness III(a) tal-Ftehim. Il-Kanada rieżaminat 22 terminu ppreżentati mill-Unjoni Ewropea, li jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness III(a) tal-Ftehim.

(3) Skont l-Artikolu 13 tal-Ftehim, il-Kanada ressqet talba lill-Unjoni biex jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi mal-Anness III(b) tal-Ftehim. L-Unjoni Ewropea lestiet l-eżami ta' 15-il terminu ppreżentati mill-Kanada, li jenħtieġ li jiżdiedu mal-Anness III(b) tal-Ftehim.

(4) Skont l-Artikolu 16 tal-Ftehim, l-Unjoni Ewropea ressqet talba lill-Kanada biex jiżdiedu indikazzjonijiet ġeografiċi mal-Anness IV(a) tal-Ftehim. Il-Kanada rieżaminat terminu ppreżentat mill-Unjoni Ewropea, li jenħtieġ li jiżdied mal-Anness IV(a) tal-Ftehim.

(5) Skont l-Artikolu 27(3) tal-Ftehim, il-Kanada ressqet talba lill-Unjoni Ewropea biex tiġi aġġornata l-lista ta' korpi kompetenti fl-Anness VI tal-Ftehim,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Fl-Anness I, il-Parti B, jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

"38. Karbossimetilċelluloża tas-sodju, f'livell massimu ta' użu ta' 0,01 %

39. Dikarbonat ta' dimetil (DMDC), f'livell massimu ta' użu ta' 200 ppm

40. Aċidu lattiku

41. Laqx tal-ballut

42. Poligalatturonaża (bħala 'pektinaża'), minn *Trichoderma reesei* RF6197

43. Karbonat tal-potassju

44. Poliaspartat tal-potassju, f'livell massimu ta' użu ta' 0,01 %

45. Mannoproteini tal-ħmira, f'livell massimu ta' użu ta' 0,04 %

46. Fil-Kanada ma hemm l-ebda rekwiżit regolatorju għall-iżdoganar minn qabel ta' għajnuniet għall-ipproċessar jew proċessi fiżiċi li jiġu applikati għall-inbejjed jew għall-ingredjenti li jintużaw għall-manifattura tal-inbejjed, bħal:

a) Arjazzjoni jew ossiġenazzjoni

b) Skambjaturi tal-katjoni għall-aċidifikazzjoni

c) Skambjaturi tal-katjoni għall-istabilizzazzjoni tartarika

d) Eliminazzjoni tad-diossidu tal-kubrit permezz ta' proċessi fiżiċi

e) Reżini ta' skambju joniku

f) Il-ġestjoni ta' gass maħlul fl-inbid bl-użu ta' kuntatturi tal-membrana

g) Abbinament tal-membrani

h) Trattament bi proċessi ta' pressjoni għolja kontinwa

i) Trattament bi proċessi ta' pressjoni għolja mhux kontinwa

Madankollu, fil-każijiet kollha, l-inbid li jiġi importat fil-Kanada huwa meħtieġ li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-istandard tal-Kanada għall-inbid li jinsab fit-taqsima B.02.100 tar-Regolament dwar l-Ikel u l-Mediċini."

2. Fl-Anness III(a), tiżdied it-taqsima li ġejja:

"**FL-UNJONI EWROPEA**

It-tabella li ġejja telenka l-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-inbid li joriġinaw mill-Unjoni Ewropea u li huma protetti skont ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 ([1]) li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli:

Oriġini	Indikazzjoni ġeografika
Spanja	Campo de Cartagena
Spanja	Catalunya
Spanja	Jerez
Spanja	Penedès
Spanja	PRIORAT
Spanja	Sherry
Spanja	Xérès
Franza	Bourgogne Passe-tout-grains
L-Italja	Colli Altotiberini
L-Italja	Colli Asolani
L-Italja	Conegliano Valdobbiadene
L-Italja	Corti Benedettine del Padovano
L-Italja	Olevano Romano
L-Italja	Ormeasco di Pornassio
L-Italja	Prosecco
L-Italja	Riviera del Brenta
L-Italja	Terre dell' Alta Val d' Agri

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1308/oj.

L-Italja	Torgiano Rosso Riserva
L-Italja	Valcamonica
L-Italja	Valtellina Rosso
Ċipru	Commandaria ([2])
L-Ungerija	Tokaj/Tokaji”

3. Fl-Anness III(b), jiżdiedu l-entrati li ġejjin:

“BC Gulf Islands

Beamsville Bench

British Columbia

Creek Shores

Four Mile Creek

Lincoln Lakeshore

Niagara Escarpment

Niagara Lakeshore

Niagara River

Niagara-on-the-Lake

Ontario

Short Hills Bench

St. David’s Bench

Twenty Mile Bench

Vinemount Ridge”

4. Fl-Anness IV(a), tiżdied it-taqsima li ġejja:

“It-tabella li ġejja telenka indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ xorb spirituż li joriġina mill-Unjoni Ewropea u protett skont ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ xorb spirituż ([3]):

Oriġini	Indikazzjoni ġeografika	Kategorija tal-prodott
Franza	Calvados Pays d’Auge	Spirti magħmulin mis-sidru u spirti magħmulin mill-perry”

5. Fl-Anness VI, il-lista ta’ korpi kompetenti hija emendata kif ġej:

“British Columbia Wine Institute (VQA Rules)” fis-subparagrafu (a) huwa sostitwit bi “British Columbia Wine Association (VQA Rules)”

Jiżdied it-tielet subparagrafu: “(c) Conseil des Appellations Réservées et des Termes Valorisants”.

([2]) It-terminu ekwivalenti protett fl-UE huwa ‘Κουμανδαρία’.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta’ xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta’ oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta’ indikazzjonijiet ġeografiċi ta’ xorb spirituż, l-użu ta’ alkoħol etiliku u distillati ta’ oriġini agrikola f’xorb alkoholiku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008. (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/787/oj

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tat-tieni xahar wara d-data li fiha l-Partijiet Kontraenti jkunu skambjaw in-noti diplomatiċi li jikkonfermaw il-kompletament tal-proċeduri rispettivi tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tagħha.

Din id-Deċiżjoni titfassal f'żewġ kopji bil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim previsti fl-Artikolu 40 tal-Ftehim, u kull verżjoni hija awtentika b'mod ugwali.

Magħmul fi... fl-202...

Għall-Kumitat Konġunt
Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-Kanada

Il-Kap tad-Delegazzjoni tal-UE